# SBEJĦA MARIJA

Oh! xi sbuħija:
Kewkba għodwija
Sebħ ir-rebbiegħa,
Firxa lewn warda,
Xemx liebsa d-dija
Sema kaħlani,
Sħaba tal-fidda,
Qamar fil-milja:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xefaq imdawwal,
Baħar bla mtarraf,
Ilma kaħlani,
Mewġa silġija,
Xmajjar li jiġru,
Għiegel għannejja,
Għajn l-ilma safi:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xagħri li jħaddar,
Siġra ferrieħa,
Warda ħamrana,
Susan bajdani,
Sur għoli w qawwi,
Torri tas-saħħa,
Belt ewlenija:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

L-Għodod li jdoqqu,
Qalb imgħoxxija,
Leħen il-kwiekeb,
L-ilsna tal-bniedem,
Moħħ ruħ minn-Alla,
Fomm ta' koll ħliqa:
Ħadd ħadd ma jfisser
Qatt qatt ma jista'
Kemm int sabiħa,
Sbejħa Marija!

Int isbaħ mill-kwiekeb
Int aqwa mill-qamar,
Int idwal mix-xmejxa,
Int akbar mid-dinja,
Int ogħla mill-anġli.

Il-ġabra tal-ħlejjaq,
L-art, l-ibħra, w is-sema,
Flimkien b'ilsien wieħed
Mistagħġba jsellmulek:
Ta' kollha s-sbuħija
Il-ġabra int, Marija;

25/iii/36 — A. G.